MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 156/2009

Kawza fil-lista: 52

***G R***
**vs**
***W Q***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici premettiet: li l-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Ottubru 1997, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [b][c] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk iz-zwieg huwa null; ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet huwa null fil-ligi; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenuta debitament ingunta baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta huwa null fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Ottubru 1997, u minn dan iz-zwieg m' ghandhomx tfal. Wara konvivenza matrimonjali ta' ghaxar snin il-partijiet isseparaw de facto.

Illi l-attur jispjega li ftit anqas minn sentejn wara z-zwieg huwa skopra li martu kienet qed tiffrekwenta rgiel ohra, u li kienet qed tigri mal-irgiel. Dan skoprih meta darba minnhom kien iddecieda li jirrekordja t-telefonati taghha. Konfrontata b' din l-evidenza, il-konvenuta ammettiet u l-partijiet ghamlu xi zmien mifrudin. Sussegwentement hafrilha u regghu flimkien; izda l-konvenuta kompliet bir-relazzjonijiet extra-matrimonjali qosra.

Il-konvenuta tammetti li, sa minn qabel iz-zwieg, u allura fi zmien l-gherusija, hija kienet tiffrekwenta rgiel ohra ad insaputa ta' l-attur. Kien biss erba' xhur qabel iz-zwieg li hi waqqfet ikollha x' taqsam ma' irgiel ohra. Hija tghid li kienet bdiet ikollha x' taqsam ma' l-irgiel meta kien ghad kellha 15-il sena.

Tghid li kienet hi li gennet lill-attur sabiex jizzewwgu. Wara sena u nofs miz-zwieg hija regghet bdiet tiffrekwenta l-irgiel, izda anke qabel dan iz-zmien kienet tifflirtja mal-irgiel, ghalkemm tghid li ma kienx ikollha relazzjonijiet intimi maghhom.

Il-konvenuta tispjega l-komportament taghha hekk: “Ridt inbiddel ghal ftit” u tghid li mar-ragel biss ma kienx bizzejjed.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenuta il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li hi kienet inkapaci, sa minn qabel iz-zwieg, li jkollha relazzjoni eskluzziva.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-4 ta’ Ottubru 1997.

Spejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------